MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2005

Numru 221/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Mercieca**
v

**MICHAEL CIAPPARA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MICHAEL CIAPPARA** ta' tlieta w sittin sena bin Carmelo u Bernarda nee Zammit, imwieled l-Marsa nhar l-erbgha ta' Marzu 1937 u residenti Flat 3, Euro Club Hotel, Triq il-Merluzz, Qawra, detentur tal-karta tal-identita numru 216337M gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer bejn t-tmienja ta' Frar 1999 u l-hamsa ta' Gunju 1999 bhala proprjetarju jew amministratur tal-fond maghruf bl-isem Euro Club Hotel, sitwat fi Triq il-Merluzz, Qawra, b'diversi azzjonijiet maghmula minnu fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess

disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi qarrieqa li bihom wiehed setgha kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu tal-kurrent elettriku, ikkommetta serq ta' kurrent elettriku fl'ammont ta' disgha mija u wiehed u erbghin lira maltin u hamsa w tletin centezmu u erbgha millezmi liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bl-amont ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta.

Talli fl-istess perjodu, lok u cirkotanzi, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor cioe meter tad-dawl tal-ghamla Iskra bin-numru tas-serie 8615177 mobbli jew immobbli liema hsara tammonta ghal hamsa w sittin lira maltin ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Il-Qorti giet mitluba tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal hlas tal-ispejjes peritali f'kaz ta' htija.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-process verbal redatt mill-allura Magistrat Dottor Abigail Lofaro esibit fl-att a fol 25A et seq.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat ghoxrin ta' Marzu 2002 esibit a fol 5 tal-atti sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u dan kif jirrizulta a fol 4 tal-atti u cioe meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar s-sitta w ghoxrin ta' April 2002.

Semghet lil partijiet jittrattaw l-kawza fis-seduta tat-tnejn ta' Mejju 2005.

Ikkunsidrat:

Illi **nhar s-sitta w ghoxrin ta' April 2002 xehed Mario Vassallo** [fol 22] fejn qal li bhala Senior Tradesman mal-Korporazzjoni Enemalta, nhar s-Sibt, hamsa ta' Gunju

1999, mar ghal habta tad-disgha ta' filghodu jiccekkja l-meter fil-lukanda Euro Club sitwata fi Triq il-Fliegu, Qawra. Ikkonferma li l-meter in kwistjoni kien bin-numru 8615177 u kien tal-marka Iskra u dan kellu r-reading tieghu dak l-hin li kien jaqra 908178. Innota, fil-presenza tal-imputat, li kien hemm zewg sigilli homor, wiehed blue u tnejn kannella li kienu mbaghbsin. Irrizultalu li kien hemm zewg sigilli blu, wiehed imqaccat bil-cover bil-vit b'kollox u l-iehor li ma kienx imbaghbas. Irrizultalu wkoll li kien hemm s-shunt miftuh u kien hemm telf ta' konsum fuq il-qari madwar 33%. Kien hemm s-shunt miftuh fuq il-yellow phase.

Illi **nhar s-sitta w ghoxrin ta' April 2002 xehed Horace Anastasi** [fol 24] fejn ikkonferma l-kontenut tar-relazzjoni tieghu esibita fl-inkjesta relattiva annessa mal-process verbal esibit f'dawn l-atti a fol 25A. Minn ezami ta' din r-relazzjoni jirrizultaw is-segwenti:

1. Illi Michael Ciappara detentur tal-karta tal-identita numru 216337M huwa l-bniedem responsabbli mill-fond Euro Club Hotel sitwata fi Triq il-Fliegu, Qawra.
2. Illi d-danni tal-hsarat fl-arlogg tad-dawl three phase tal-marka Iskara bin-numru tas-serie 8615177 ta' qari ta' 908178 units jammontaw ghal hamsa w sittin lira maltin.
3. Illi kien hemm sigill celesti bin-numru 109032 li kien imwahhal ma l-ghata ta' taht l-arlogg tad-dawl indikat u kemm z-zewg sigilli homor kif wkoll zewg sigilli minn erbgha kannella li kienu kollha maghfusa bi tnalja sabiex inqatghu u regghu twahhlu bil-kolla.
4. Illi l-ghata ta' taht l-arlogg giet llevata sabiex infetah is-shunt tal-yellow phase u ghalhekk l-konsum tal-elettriku kollu li ghaddej minn fuq dan il-phase ma kienx qed jirregistra fuq l-arlogg u ghalhekk kien qed isir serq ta' kurrent elettriku.
5. Illi jekk serq ma kienx sar kien zgur li sar attentat ta' serq ta' kurrent elettriku.

Bhala xhieda teknika jirrizulta li fl-istadju tal-inkjesta nhar l-ghaxra ta' Gunju 1999 kien **xehed wkoll John Vella**, Senior Technical Officer mal-Meter Section tal-

Korporazzjoni Enemalta. Huwa spjega kif nhar l-hamsa ta' Gunju 1999, fuq struzzjonijiet moghtija lilu mis-superjuri tieghu, huwa mar jaghmel spezzjoni fil-lukanda in dezamina flimkien ma zewg fitters ohra Mario Cassar u David Camilleri. Ikkonferma li waqt l-ispezzjoni tal-meter kien hemm presenti Michael Ciappara l-lukanda li effettivament fethilhom l-bieba ta' fejn kien installat l-meter u dan kien proprju hekk kif tidhol fil-lukanda. Iddeskriva l-meter bhala wiehed tat-three phase tal-ghamla Iskra li jgib in-numru tas-serie 8615177 u li l-konsum tieghu dakinhar kien registrat fuqu in-numru 908178. Ta deskrizzjoni ta' f'hiex kien jikkonsisti l-irregolaritajiet li sab. Qal li taht l-ghata tal-arlogg fuq in naha tax-xellug kien hemm s-sigill celesti bin-numru 109165 illevat mill-bolt u ghalhekk maqlugh. Il-vit tieghu ma kienx marbut. Spjega li wiehed miz-zwg sigilli kien intatt waqt li l-iehor kien imbaghbas, maqlugh w imwahhal mill-gdid permezz ta' xi sustanza. Illi sussegwentement fetah l-ghata tal-arlogg tad-dawl u sab s-shunt ta' fejn hemm il-yellow phase miftuh. Spjega li fil-fehma tieghu dan ifisser li l-konsum elettriku li kien ghaddej minn fuq dan il-phase ma keinx qed jigi registrat. Dwar s-sigilli l-homor, huwa kkonferma li dawn kienu mbaghbsin wkoll ghaliex kellhom xi sustanza li twahhal fuqhom. Is-sigilli kannella kienu wkoll imtaqqba u kellhom wkoll tracci ta' sustanza li twahhal.

Illi **nhar s-sitta w ghoxrin ta' April 2002 xehed Silvio Decelis** [fol 9] fejn, wara li ppresenta *record of consumption sheet*, *breakdown of estimate* kif wkoll kopja tar-*report and surprise inspection* [fol 28 et seq] zied jghid li dan l-meter jghajjat lil Euro Club Hotel ta' Triq il-Merluzz, Qawra. Huwa spjiega li sat-tmienja ta' Frar 1999 l-konsum kien regolari. Bejn t-tmienja ta' Frar 1999 sal-jum tal-ispezzjoni u cioe l-hamsa ta' Gunju 1999 nizel aktar minn nofs il-konsum u ghalhekk il-Korporazzjoni Enemalta hadmet il-kalkoli taghha a bazi ta' dak li gie rekordjat qabel mill-istess meter. Harget deskrepanza ta' disgha mija wiehed w erbghin lira hamsa w tletin centezmu u erbgha millezmi. Zied jghid li ghar-rigward isem tal-konsumatur, meta l-isem jghajjat huwa ditta, l-manager tal-Water Services Corporation li johrog l-kont relattiv.

Illi **nhar l-ghoxrin ta' Settembru 2002 xehed l-Ispettur Joseph Mercieca** [fol 41] fejn esibixxa kopja tal-Memorandum & Articles of Association marhuga mill-MFSC li giet mmarkata bhala dokument Y [fol 43].

Illi **nhar t-tnax ta' Jannar 2004 xehed l-imputat minn jeddu b'mod voluntarju** [fol 110] fejn qal li hu sid il-fond Euro Club Hotel sitwata fi Triq il-Merluzz, Qawra u li din ilha f'idejh mis-sena 1988. Qal li l-ewwel kien jghix fiha wahdu u kellu partner Paul Tabone pero fl-1993 dan ma kienx baqa l-partner tieghu. Hu cahad dak li kien qed jigi allegat fil-konfront tieghu li kien baghbas l-meter tad-dawl installat f'din il-lukanda. Qal li dan il-meter li kien jinsab fir-reception, kien wkoll miftuh. Qal li f'din r-reception jkun hemm hafna nies presenti, erbgha w ghoxrin siegha kuljum. Qal li hu ma joqghodx fil-lukanda u li ghandu ghaxar flats mal-lukanda u fil-flat tieghu qatt ma nstab xi haga hazina. Qal li fiz-zmien tal-akkuza in kwistjoni kellu lil Joseph Sammut bhala amministratur tal-lukanda u li l-lukanda tappartjeni lil kumpanija maghrufa bl-isem Lukanda Limited. Stqarr li hu ma jifhimx fl-elettriku u qatt ma baghbas fid-dawl. Zied jghid li Joseph Sammut kien l-accountant tal-kumpanija li kien jhallas l-kontijiet tad-dawl ghalkemm d-direttur tal-kumpanija Lukanda Limited kien hu. Qal li l-kumpanija Lukanda Limited thallas l-kontijiet tal-lukanda. Ix-xhud qal li fl-1994 hu kellu kwistjoni mal-Enemalta dwar l-arlogg tal-ilma mwahhal u kienu bidluh, kienu qalghuh u kien gieh kont ta' sitt elef lira maltin.

Illi l-imputat kien wkoll xehed fl-atti tal-inkjesta a tempo vergine tal-investigazzjoni nhar s-sitta ta' Gunju 1999 quddiem l-espert tekniku nominat fl-inkjesta fejn kien cahad b'mod kategoriku li hu f'xi hin mess s-service box tal-meter in kwistjoni jew li qabbad lil xi hadd imiss l-apparat tad-dawl indikat. Stqarr li hu ma jifhimx fid-dawl u ghalhekk wisq inqas kien ser imur ibaghbas fl-arlogg tad-dawl, fis-service box u fis-sigilli.

Illi **nhar l-wiehed u tletin ta' Mejju 2004 xehed Ian Vella** [fol 116] fejn qal li hu Officer in charge Legal Departiment tal-Korporazzjoni Enemalta. Ix-xhud esibixxa r-*readings*

kollha minn fuq dan il-meter mis-sena 1996 sa dakinhar, liema dokument gie mmarkat bhala dokument IV. Hadd ma jista joqghod fuq l-kalkoli li jidhru fuq dan d-dokument, peress li kemm il-meter ta' qabel kif wkoll dan in kwsitjoni kienu *tampered* u hu kellu l-istimi relattivi taghhom. Qal li l-meter kien registrat f'isem Euro Club Limited u li l-allegat *tampering* kien sar bejn Frar 1999 u Gunju 1999.

Illi **nhar s-sbatax ta' Jannar 2005 rega' xehed Ian Vella** [fol 129] fejn wara li gie muri r-rapport tal-Euro Club Hotel fejn allegatament kien sar rapport dwar xi tbaghbis fil-meter, x-xhud qal li l-meter number in kwistjoni huwa *tampered*, hemm tnejn bin-numru 188595 u dan inqala fil-hamsa ta' Gunju 1999 u floku twahhal iehor bin-numru 24171019 dakinhar stess. Qal li t-tieni inqala fit-tmienja w ghoxrin ta' Ottubru 2000. Qal li rrizultalhom li z-zewg meters kienu gew *tampered with*. Qal li kien twahhal t-tielet meter li kellu numru 75288974 fit-tmienja w ghoxrin ta' Ottubru 2000 u kien ghadu hemm sa dakinhar. Mistoqsi jekk kienx hemm xi *replacement* iehor x-xhud wiegeb fin-negattiv. Qal li il-meters jghajjtu lil Euro Club Hotel u li dwar s-socjeta Lukanda Limited hu ma kien jaf xejn u li kien semgha biha biss dakinhar tax-xhieda tieghu. Qal li *complaints* maghmula lil Enemalta lilu jirrizultawlu pero jekk kienu mal-Water Services ma jirrizultawlux. Qal li meta l-*meter readers* marru jaqraw l-meters in kwistjoni minn naha tal-Enemalta hadd minnhom ma kien illoggja xi *complaint* mal-Korporazzjoni u li kieku ghamlu hekk il-meter kien jigi mibdul mill-ewwel. Qal li min effettivament ghamel il-*complaint* hu ma kienx jaf.

Ikkunsidrat:

Issa jekk wiehed jara l-artikolu 264(2) tal-Kodici Kriminali isib li l-ligi trid, li fil-kaz ta' ksur ta' fili jew gumni tas-servizz elettriku jew tal-meters taghhom, jew ta' xi sigill ta' xi meter, il-fatt li jkun hemm mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan il-kurrent elettriku jew li bihom jista jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew immarkar fil-meter tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata, jitqies, sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju, bhala prova,

li d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond fejn ikunu jinsabu dawk il-kawzi jew mezzi qarrieqa, **jaf jew taf b'dan l-uzu jew konsum ta' kurrent elettriku**. Hu evidenti li dan is-sub artikolu johloq presunzjoni ta' dak, ***juris tantum*** li ghandha tipprevali jekk ma jigix ppruvat il-kuntrarju.

Ma dan, pero din il-Qorti trid tosserva li l-ligi ma tispostax l-oneru tal-prova tal-innocenza tal-imputati fuqhom. L-oneru jibqa dejjem fuq il-Prosekuzzjoni li ghandha favuriha l-presunzjoni imsemmija li pero tista tigi newtralizzata b'xhieda u provi ohra tal-istess Prosekuzzjoni.

Propjament ghalhekk filwaqt li jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li tipprova sal-grad rikjest minnha skond l-ligi, cioe minghajr ebda dubbju dettat mir-raguni, l-ksur jew l-mezzi qarrieqa skond il-kaz u wkoll li l-imputat ikun d-detentur jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond, minn hawn 'l quddiem l-oneru jinverti fuq l-imputat li allura jkollu jipprova hu li ma kienx jaf jew bil-ksur jew bl-ezistenza tal-mezzi qarrieqa u dan imqar sal-grad ta' probabbilita skond r-regoli stabbiliti.

Illi mill-provi prodotti l-Qorti ma thossx li rnexxilha tipprova li kien l-imputa li baghbas fil-meter in kwistjoni fil-perjodu ta' bejn Frar 1999 u Gunju 1999 fl-ammont ta' disgha mija wiehed w erbghin lira maltin hamsa w tletin centezmu u erbgha millezmi u dan sal grad rikjest mill-ligi.

Illi jirrizulta li fil-fond in kwistjoni kienu jmorru meter readers jaqraw l-meter f'diversi okkazzjonijiet u hadd minnhom ma qatt irrapporta xi haga hazina fl-apparat. Kien biss fuq telefonata anonima u spezzjoni ghal gharrieda insegwitu li gew nnutati n-nuqqasijiet kif spjegati ben tajjeb mix-xhud John Vella.  Illi ghalhekk il-Qorti tarha difficli temmen li dawn in-nuqqasijiet kienu ilhom hemm minn zmien konsiderevoli qabel l-ispezzjoni peress li n-nuqqasijiet u tbaghbis kienu varji.
Minn apprezzament tad-dokumenti esibiti mill-imputat fis-seduta tat-tnejn ta' Mejju 2005 w immarkati bhala dokumenti RM 1 u RM 2 jirrizulta li saru diversi tariffi

adjustments fuq il-meter in kwistjoni u li l-pagamenti li kien isiru fuq il-meters in kwistjoni kienu diversi u kollha fl'ammonti relattivament kbar u ghalhekk fil-fehma tal-Qorti, huwa mprobabbli li kien l-imputat stess li kien jaghmel profitti ta' ammont ta' flus daqshekk irrizorju meta tara l-pagamenti li kienu jsiru.

In oltre, il-Qorti tat widen lix-xhieda moghtija kemm mill-impuat viva voce quddiemha kif wkoll waqt l-inkjesta w innutat li l-imputat dejjem kien konsistenti f'dak li qal u cioe li cahad b'mod kategoriku li huwa b'xi mod baghbas fil-meter jew qabbad lil min ibaghbsu.

Ghalhekk fid-dawl tas-suespost il-Qorti thoss li l-imputat irnexxilu jgheleb l-presunzjoni juris tantum fuq imsemmija favur tieghu.
**Ghalhekk il-Qorti tiddikjara li ma ssibx lill-imputat MICHAEL CIAPPARA hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu, u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni biex tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez tal-periti nominati fl-inkjesta, l-Qorti rat illi stante li lliberat lil imputat mill-akkuzi principali, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din t-talba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------